MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Appell Civili Numru. 405/2004/1

**Joseph Agius**

**vs**

**Doreen Busuttil**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Gunju 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Frar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-omma ta' disa' mija u tmienja u sebghin lira Maltin u hamsa u hamsin centenzmu (Lm978.55) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' diversi oggetti tal-fidda mibjugha u kkonsenjati mill-attur lill-konvenuta.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tad-19 ta' Jannar 2004, tal-Mandat ta' Sekwestru numru 301/04 prezentat kontestwalment mal-Avviz u bl-imghax legali mid-data tal-fatturi relattivi, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:-

1. Illi t-talba hija preskritta ai termini tal-ligi skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

2. Illi l-ammont m'huwiex dovut stante illi l-konvenuta hallset l-ammont kollu li kien dovut u ghalhekk hija nfondata kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan mnghajr pregudizzju ghas-suespost.

Sema' x-xhieda tal-attur u tal-konvenuta. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ra n-noti ta' sottomoissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-ammont mitlub mill-attur jirrigwarda prezz ta' oggetti tal-fidda mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuta. Hija kellha hanut tad-deheb bl-isem ta' Gioelli u l-attur kien ibieghilha oggetti tal-fidda fuq medda ta' snin. Il-konvenuta qed teccepixxi l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2156(f), u cioe' l-preskrizzjoni ta' hames snin. L-attur jirribatti li fl-2001 il-konvenuta kienet effetwat pagament akkont u ghalhekk dan il-pagament interrompa l-preskrizzjoni. Il-konvenuta min-naha l-ohra tinnega li hija effetwat xi pagamenti fis-sena 2001 u tghid li fl-1998 hija kienet ghalqet il-hanut in kwistjoni u li l-ahhar pagament li hija effettwat lill-attur kien fit-30 ta' Dicembru 1998.

L-attur esebixxa sensiela ta' ricevuti mahruga f'isem il-hanut tal-konvenuta (esebiti a fol. 18 sa 22 tal-process). Dawn l-ircevuti huma lkoll mahruga fis-sena 1997 salv ghall-ircevuti a fol. 22 li huma datati 10 ta' Gunju 1998 u 10 ta' April 2001 rispettivament. L-attur esebixx wkoll

kopja ta’ zewg cheques datati 15 ta’ April 2001 u 15 ta’ Mejju 2001 rispettivament (esebiti a fol. 48 u 49). Il-konvenuta tinnega li hija effetwat xi pagamenti lill-attur fl-10 ta’ April 2001 jew fil-15 ta’ April 2001 u fil-15 ta’ Mejju 2001. Inoltre hija tirrileva li l-ircevuta datata 10 ta’ April 2001 ma f’hijiex il-firma taghha.

In kwantu jirrigwarda l-pagamenti li l-attur jallega li, l-konvenuta effetwat fil-15 ta’ April 2001 u fil-15 ta’ Mejju 2001 it-Tribunal jirrileva li z-zewg cheques in kwisjtoni huma mahruga minn Vascas Enterprises Limited u pagabbli “cash”. Minn imkien ma jirrizulta li dawn c-cheques gew girati mill-konvenuta lill-attur u ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal dawn iz-zewg cheques ma jikkostitwux prova li fid-dati ndikati l-konvenuta effetwat xi pagament akkont lill-attur.

In kwantu jirrigwarda l-ircevuta datata 10 ta’ Aprl 2001 il-konvenuta wkoll tinnega li hija qatt effetwat xi pagament fl-imsemmija data. It-Tribunal jinnota li l-fatturi kollha esebiti mill-attur ikopru perijodu mis-7 ta’ Lulju 1996 sat-22 ta’ Dicembru 1998 (ara dokumenti esebiti a fol. 24 sa 34 tal-process). L-ahhar fattura hija datata 22 ta’ Dicembru 1998. L-ircevuti esebiti mill-attur in kwantu jirrigwarda l-pagamenti effetwati mill-konvenuta huma lkoll datati 1997, hlief ghal tlett ricevuti li wahda minnhom hija datata 10 ta’ Gunju 1998 u l-ohra hija data 10 ta’ April 2001 (a fol 22). L-attur esebixxa zewg kopji ta’ din l-ahhar ricevuta u meta ngibditulu l-attenzjoni dwar dan il-fatt qal l hemm zewg kopji ghaliex wahda hija kopja tal-original u l-ohra hija kopja tal-carbon copy u dan peress li l-original qatt ma inghata lill-konvneuta ghaliex hija kienet diga’ ghalqet il-hanut. Jidher li bejn l-10 ta’ Gunju 1998 u l-10 ta’ April 2001 l-attur ma rrilaxxja l-ebda ricevuta lill-konvenuta. Irid ukoll jigi rilevat li l-attur ma esebixxa ebda ricevuta rigwardanti l-pagamenti li huwa jsostni li l-konvenuta effetwat fil-15 ta’ April 2001 u fil-15 ta’ Mejju 2001 permezz taz-zewg cheques lli saret referenza ghalihom aktar il-fuq.

Wara li ezamina bir-reqqa d-dokumenti kollha msemmija it-Tribunal huwa tal-fehma li l-verzjoni moghtija mill-

konvenuta dwar meta gie effetwat l-ahhar pagament hija aktar kredibblli. It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta ma effetewat ebda pagament fl-10 ta' April 2001 u dan huwa konfermat mill-fatt li l-attur esebixxa kemm il-kopja tal-original ta-l-ircevuta kif ukoll il-carbon copy. Dan ifisser li din l-ircevuta qatt ma inghatat lill-konvenuta u t-Trinbunal jidhirulu li dan kien dovut ghal fatt li hija f'dik id-data m'effetwatx pagament. Inoltre t-Tribunal jidhirlu li huwa pjuttost stramb kif hemm qabza dasqhekk kbira ta' zmien bejn l-ircevuta li giet rilaxxjata fl-10 ta' Gunju 1998 u dik sussegwenti li giet esebita mill-attur u hija datatal 10 ta' April 2001.

Fil-fehma tat-Tribunal l-ahhar pagament effetwat mill-attrici sar fit-30 ta' Dicembru 1998 (ara ricevuta informali rilaxxjata mill-attur u esebita a fol. 42 tal-process). Il-kawza odjerna giet intavolata fis-17 ta' Frar 2004 u ghalhekk jidher li t-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta u konsegwentement billi jichad it-talbiet attrici stante li huma preskriitti ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16."

L-attur hassu aggravat b' din id-decizjoni tat-Tribunal u talab ir-revoka taghha in bazi ghall-assunt tieghu illi l-fatti tal-kawza ma kellhomx isostnu l-preskrizzjoni eccepita mill-konvenuta ai termini ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili;

Il-precitat dispost tal-ligi jipprovdi li "l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa' skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjonijiet aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku" jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' hames snin. Kif imfisser fis-sentenza riportata a **Vol. XXXVIII P II p 588**, dan il-provvediment specifiku tal-ligi jirreferi ghall-prestazzjoni

principali li tirrigwarda oggett li jkun jew flus jew haga fungibbli bhal ma huma flus, kif hekk inhu l-kaz hawnhekk;

Dan premess, jinsab stabbilit illi meta tigi sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, l-attur jista' jikkumbattiha jew billi juri illi ghal xi motiv legali dik il-preskrizzjoni eccepita mhix ammissibbli, jew illi kien hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha. (Ara **Kollez. Vol. XXXVII P II p 626**). Mill-atti fil-kaz in ispecje l-attur jidher li ttanta jiddemostra li kien hemm att interruttiv bil-pagament parzjali li hu jghid li sarlu mill-konvenuta fl-10 ta' April 2001. Dan ifisser li huwa qed jippretendi li l-preskrizzjoni inkissret bil-hlas akkont tad-dejn (Artikolu 2134, Kodici Civili) u li allura dan jikkostitwixxi rikonjizzjoni u ghalhekk jinterrompi l-preskrizzjoni (**Kollez. Vol. XXIX P I p 755**). B' dan il-mod huwa ghandu fi hsiebu li jipparalizza u jgib fix-xejn il-preskrizzjoni opposta. Naturalment, il-piz tal-prova ta' l-interruzzjoni jaggrava dejjem fuq l-attur;

Jinkombi allura fuq l-attur li jaghti prova, mhux biss tal-fatt principali migjub bhala bazi ghall-azzjoni tieghu ("*actor incumbit probatio*"), imma wkoll li jsostni b' fatti tassattivament inekwivoci l-kontro-eccezzjoni tieghu ghall-preskrizzjoni eccepita. Fatti dawn li kellhom isiru bil-produzzjoni ta' prova cara, diretta, kompleta u, fuq kollox, sodisfacenti u hekk manifestanti l-intent fl-attur li jikkontrasta l-eccezzjoni ta' l-avversarja. Jekk huwa jibqa' inadempjenti fi prova bhal din jew il-fatti migjuba minnu jibqghu incerti, dan, logikament u guridikament, jitraduci ruhu fi zvantagg ghalih, anke ghaliex il-konvenuta tibqa' assistita mit-trapass taz-zmien li hu ghab-bazi tal-preskrizzjoni sottomessa minnha;

M' hemmx kwestjoni, imbaghad, illi l-accertament ta' l-ezistenza ta' atti validament interrutivi tal-preskrizzjoni estintiva mqanqla jikkostitwixxi indagini ta' fatt rizervat lill-poter diskrezzjonali tal-aggudikatur fil-meritu, u allura jekk il-gudizzju maghmul minn dan fuq il-fatti jinstab li hu hieles minn valutazzjoni zbaljata mhux il-kaz li din il-Qorti ta'

revizjoni ticcensura l-konkluzjoni raggunta fis-sentenza appellata;

Affermat dan, il-provi mressqa mill-appellanti dwar l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni jikkonsistu fid-deposizzjoni tieghu stess (fol. 10) u d-dokumenti minnu esebiti (fol. 14 sa fol. 35 u fol. 48 u 49). Din ix-xhieda turi li l-konvenuta ghalqet il-hanut taghha fl-2001 u minhabba problemi familjari kienet talbitu zmien biex thallas il-bilanc li kien ghadu pendenti sa dakinhar. Huwa jghid ukoll illi l-ahhar hlas effettwat mill-konvenuta sar f' April ta' dik l-istess sena. Biex jissostanzja dan huwa esebixxa a fol. 22 zewg kopji ta' ricevuta datata 10 ta' April 2001 li juru li kien sar hlas mill-konvenuta, u taht il-firma taghha, tas-somma ta' mija u ghaxar liri (Lm110). L-ispjega li jaghti fil-korp ta' l-appell ghall-esebizzjoni taz-zewg kopji ta' l-istess ricevuta hu dak li hu ma kellu ebda ndirizz fejn jikkomunika mal-konvenuta. Aktar tard, wara li kien gja ddikjara li ma kienx baqalu provi, huwa esebixxa zewg cekkijiet ta' tliet mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm325) il wiehed datati rispettivament 15 ta' April 2001 u 15 ta' Mejju 2001 li hu qed jghid li l-konvenuta ghaddiethomlu bhala hlas akkont;

Kontra dawn il-provi l-appellata xehdet illi hi ghalqet il-hanut fl-1998 u li l-ahhar ricevuta, mhux ufficcjali, li nghatat lilha kien fit-30 ta' Dicembru 1998 (fol. 42). Hi tikkontendi mbaghad li fir-rigward tar-ricevuta fuq indikata a fol. 22 hi qatt ma ghamlet il-pagament tas-somma indikati fiha. Tizmentixxi wkoll li qatt ghaddiet lill-attur iz-zewg *cheques* (fol. 48 u fol. 49) surreferiti;

Konfrontat minn dan il-kuntrast fix-xhieda, it-Tribunal deherlu, korrettement fil-fehma ta' din il-Qorti, li l-versjoni tal-konvenuta kienet aktar verosimili u kienet teskludi dik ta' l-attur fuq l-istregwa ta' dik ic-certezza morali tal-verita tal-fatti li ssemmi d-duttrina legali u l-gurisprudenza (**Kollez. Vol. XXXVI P I p 319; Vol. L P II p 440**). Il-Qorti jidhrilha li b' zieda mar-rilevanzi maghmula mit-

Tribunal jassumu mportanza anke dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) Jekk kif isostni l-attur appellanti l-konvenuta vversat hlas akkont ta’ mija u ghaxar liri (Lm110) fl-10 ta’ April 2001 kif tista’ qatt tispjega ruhha l-firma tal-konvenuta tar-ricezzjoni taghha. Wiehed logikament jifhem illi jekk dak il-hlas sar, kif allegat mill-attur, taht il-firma tal-konvenuta ma kienx mistenni li hu jzomm l-original u l-*carbon copy* tar-ricevuta in kwantu l-konvenuta, la darba iffirmat, kienet presumibilment prezenti u allura setghet inghatat il-kopja dak il-mument stess li apportat il-firma. L-iskuzanti ta’ l-appellant li hu ma kellux indirizz tal-konvenuta, f’ dawn ic-cirkustanzi, thalli sapur ta’ inveridicita`;

(2) Ukoll, jekk kif mistqarr mill-attur, il-konvenuta ghaddietlu z-zewg cekkijiet pagabbli “cash” u hekk datati 15 ta’ April 2001 u 15 ta’ Mejju 2001, kif allura dawn il-hlasijiet, allegatament akkont, ma sabux posthom bhala deduzzjonijiet fl-i*statement* datat 31 ta’ Dicembru 2003 a fol. 35 tal-process;

Minn dawn biss tinzel il-konsegwenza li tannebula l-versjoni moghtija mill-appellanti u dan igib li huwa ma pprovax b’ mod konvincenti l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni opposta mill-appellata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tipprovdi billi tichad l-appell interpost kontra s-sentenza appellata li hekk qeghda tigi konfermata fil-meritu. L-ispejjez ta’ din l-istanza jibqghu a kariku ta’ l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------